**Nomina ta' Joseph Bugeja bħala**
***Chairperson* ta' Transport Malta**

Pubblikazzjoni tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet *ai termini* tal-Artikolu 48B(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

**1. X'tibdil amministrattiv intern tara li għandu jsir fi ħdan l-Awtorità [jekk huwa l-każ] sabiex din issir aktar effiċjenti u trasparenti fix-xogħol tagħha?**

F'dan l-istadju bikri, naħseb li l-aktar ħaġa importanti hi li tinġabar kemm jista' jkun informazzjoni dwar l-operat preżenti ta' Transport Malta (TM), sabiex ikun jista' jiġi analizzat b'mod strateġiku xi tibdil jew titjib li jista' jkun hemm bżonn. L-iżvilupp kurrenti fejn TM qed tassumi r-rwol regolatorju, huwa eżempju ċar fejn l-Awtorità qiegħda tieħu direzzjoni speċifika.

**2. X'taħseb li huma l-isfidi ewlenin li għandha l-Awtorità quddiemha?**

Naħseb li għandhom jiġu indirizzati soluzzjonijiet strateġiċi li jippermettu titjib fit-traffiku b'mod ġenerali kif ukoll titjib fis-settur tat-trasport pubbliku.

Min-naħa l-oħra, importanti li l-Awtorità tkompli taħdem biex iżżomm u possibbilment ittejjeb il-pożizzjoni tagħha fejn jidħol reġistrar ta' vapuri u opri tal-baħar, kif ukoll biex tattira lejn Malta servizzi marittimi oħra anċillari li jikkonsolidaw il-pożizzjoni ta' Malta bħala ċentru marittimu ta' eċċellenza.

Fis-settur tal-avjazzjoni, l-Awtorità għandha wkoll sfidi ġodda li jistgħu jrendu tkabbir ekonomiku.

Fl-oqsma kollha, b'mod ġenerali, l-Awtorità trid tkun dinamika biżżejjed u tassigura li għandha t-teknoloġija neċessarja u n-nies kompetenti u kwalifikati, li jirrikjedu s-swieq kompetittivi li noperaw fihom.

**3. X'niċeċ ġodda fis-settur tat-trasport b'mod ġenerali tara li kemm l-Awtorità, l-industrija u pajjiżna għandhom jaħdmu fuqhom?**

Għandu jkun hemm sforz konġunt sabiex jiġu introdotti metodi ta' trasport li jħallu inqas impatt negattiv fuq l-ambjent, kemm fuq l-art, kif ukoll fl-ajru u anke fis-settur marittimu.

**4. Inti għandek esperjenza kbira fil-qasam tas-settur marittimu, kif tara li ħa taħdem fis-setturi l-oħra tat-trasport tal-art u l-avjazzjoni**?

Wieħed għandu jieħu rwol fejn jikkombina l-kompetenza professjonali li diġà teżisti fl-Awtorità u fid-Direttorati rispettivi, sabiex jassigura aktar żvilupp u kontinwità fl-oqsma kollha.

**5. Fis-settur tal-avjazzjoni, agħti eżempji konkreti dwar kif dan is-settur ma jibqax biss jattira r-reġistrazzjoni ta' aircraft, imma xogħol ieħor relatat mal-avjazzjoni.**

Is-settur tal-avjazzjoni huwa diġà iktar diversifikat minn reġistrazzjoni ta' ajruplani. Dan is-settur jinkludi numru sostanzjali ta' kumpaniji li jagħtu servizz tal-ajru mad-dinja kollha, kumpaniji li jagħmlu tiswija tal-ajruplani kif ukoll oħrajn li jipprovdu taħrig lill-bdoti, inġiniera u *cabin crew*.

Jeżisti wkoll is-settur tal-*leasing* li għadu pjuttost wieħed ġdid, u li fih l-Awtorità qed tippjana sabiex tinvesti bis-sħiħ.

**6. X'inhi l-pożizzjoni tiegħek fuq ir-reġim tal-VAT fuq il-pleasure yachts? Kif tara li inti tista' tagħti kontribut biex din tissolva mal-Unjoni Ewropea u Malta tissalvagwarda l-pożizzjoni tagħha?**

Ir-reġim ta' Malta huwa reġim li ilu jiġi implimentat sa minn meta Malta ssieħbet mal-Unjoni Ewropea. Huwa reġim li huwa mħaddan ukoll minn numru ieħor ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea. Dan ir-reġim huwa wieħed li jippermetti diversi benefiċċji filwaqt li jirrispetta l-liġijiet varji tal-UE fil-qasam tal-VAT.

Ir-rwol tiegħi għandu jkun wieħed li jiffaċilita aktar id-djalogu bejn il-Ministeru għall-Finanzi, li taħtu taqa' r-responsabilità ta' dan ir-reġim, u l-industrija marittima.

**7. Tara li għandek xi interessi professjonali jew ta' kummerċ li jistgħu jkunu konflinġenti ma' din il-kariga tiegħek?**

Fil-preżent jiena qiegħed nokkupa dawn il-karigi li jistgħu jiġu meqjusa konflinġenti:

- General Manager – Malta Motorways of the Sea Ltd
- Konsulent ma' Sullivan Maritime Ltd
- CEO u membru fil-Bord tal-Malta Maritime Forum
- Direttur tal-Aġenzija Malta Marittima
- Membru fil-Kamra tal-Kummerċ
- Membru fil-Bord tal-Etika u d-Dixxiplina tal-Kamra tal-Kummerċ
- Membru tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Malta Short Sea Promotion Centre
- President tal-Kamra tal-Kummerċ bejn Malta u Franza.

Ovvjament, kemm-il darba li niġi kkonfermat f'din il-kariga, jiena nissottometti r-riżenja tiegħi mill-entitajiet kollha li jitqiesu li huma konflinġenti.

**8. Jekk jogħġbok agħmel elenku [jekk huwa dejjem il-każ], tad-directorships li għandek attwalment, kif ukoll sħubija f'assoċjazzjonijiet varji.**

Spjegazzjoni sħiħa tinsab taħt Mistoqsija numru 7.

**9. Waqt is-smigħ, jekk jogħġbok esebixxi ċ-ċertifikat tal-kondotta tiegħek.**

Iċ-ċertifikat tal-kondotta se jiġi ppreżentat waqt is-smigħ kif mitlub.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

**1. Ghalkemm jidher ċar li l-linja tal-ħidma tiegħek hija prinċipalment dik marittima, fi ħdan Transport Malta hemm setturi varji. X'passi tara li għandhom jittieħdu biex din twieġeb għall-isfidi li għandna quddiemna, l-iktar dik marbuta mat-traffiku?**

Inħoss li l-esperjenza li rnexxieli niġbor matul is-snin fis-settur marittimu, li tinkludi element kbir ta' loġistika, għandha tgħin sabiex nikkontribwixxi għall-iżvilupp u sostennibilità ta' ideat ġodda fis-setturi varji tat-trasport.

**2. Jekk tiġi magħżul minn dan il-kumitat, x'passi taħseb li ser tieħu sabiex ikun hemm iktar effiċjenza u effettività fil-ħidma?**

Ir-rwol ta' *Chairman* fi ħdan din l-Awtorità għandu jkun li jikkombina l-esperjenza u l-kompetenzi professjonali li jeżistu diġà fid-Direttorati varji, sabiex tkun tista' trendi aktar effiċjenza u effettività fis-setturi speċifiċi.

**3. Invista tal-fatt li l-aspett u responsabbiltà tat-trasport pubbliku huwa maqsum f'idejn numru ta' dipartimenti oħra, x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex ikun hemm ko-ordinazzjoni aħjar senjatament meta u jekk ikun hemm inċidenti gravi?**

L-Awtorità, fil-funzjoni tagħha bħala regolatur, trid tkompli taħdem id f'id mal-operaturi kollha fis-settur tat-trasport pubbliku, kif ukoll ma' awtoritajiet oħra relatati, bħalma huma l-Korp tal-Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili, il-LESA, u f'ċertu każi anke l-Forzi Armati. L-għan għandu jkun li jitjieb il-kordinament f'każ ta' xi inċident.

---